**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 60**

**Data:** 15 ta' Frar, 2017

**Hin:** 9.30am

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici-Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.
Shirley-Anne Cecchini infurmat lill-Kunsill li ma setghetx tattendi ghal-laqgha peress li kienet tinsab imsiefra.
Anthony Camilleri informa lill-Kunsill li ma setghax jattendi ghal-laqgha peress li kien jinsab fuq xoghol gewwa Malta.
Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jigu skuzati.

---

# AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-59 laqgha.
2. Budget.
3. Unaudited Financial Statements.

4. Program Attivita' Frenc ta' l-Gharb.

5. Fra. Grazzja Gauci.

6. Xogholijiet fi Triq Birbuba.

7. Xoghol fuq il-funtana ta' Pjazza Zjara tal-Madonna.

8. Attivita' ta' l-Infiorata f'Marzu.

9. Attivitajiet – Network of Twinned Towns.

10. Skeda ta' Pagamenti.

11. Cirkularijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali.

12. Korrispondenza u materji ohra.

13. Aggornament.

---

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-59 laqgha

1.0 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

## 2.0 Budget

2.1 Gie spjegat li bhala budget huwa kif diga gie spjegat fil-laqgha precedenti. B'zieda ma' dan jidher li ser jibqa' sostanzjali mis-sena l-ohra li ser jaghmlu tajjeb ghall-progett tal-PPP u progetti ohra matul is-sena. Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-progett tal-widien il-Kunsill gie infurmat mill-MEUSAC li l-Kunsilli ma jistghux japplikaw taht din is-sejha. Il-Kunsill kien infurmat ukoll li biex wiehed japplika ghal xi progett trid issir talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali flimkien ma' cash flow statements. Emanuel Muscat staqsa dwar il-hitan tas-sejjieh fi Triq San Dimitri fejn gie spjegat li l-haddiem tal-Kunsill Raymond Rotin kien qed jiehu hsieb li jibni l-hitan.

Gie spjegat ukoll li fi Triq il-Knisja jista' jkun li l-problema fit-triq kienet minhabba li f'dan il-post kien ghaddej ukoll ir-*rising main* minn Wied il-Mielah 'il barra pero' wiehed kien ghadu jrid jara meta jsiru x-xoghol fuq it-tiswija. Problema ohra li inqalghet kienet fi Triq Karmni Grima fejn din tkissret wara li kienet qed tintuza bhala bye-pass minhabba l-eghluq ta' Triq Frangisk Portelli kif ukoll minhabba numru ta' trinek li saru bhala xogholijiet ta' manutenzjoni min-

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

naha tal-Water Services Corporation. Dwar din il-Kunsill kien qed jahdem sabiex l-entitajiet responsabbli jghinu fit-tiswijiet mehtiega f'din it-triq. Tkompliet id-diskussjoni dwar il-Budget fejn is-Sindku staqsa ukoll lill-Kunsilliera jekk jixtiequx li jigi inkluz xi xoghol partikolari f'dan il-Budget.
Il-Kunsill approva unimament il-Budget 2017.

## 3.0 Unaudited Financial Statements

3.1 Inghatat spjegazzjoni ta' l-*Unaudited Financial Statements* fejn jidher li l-Kunsill qed jispicca b'bilanc positiv. Il-problema tas-sena l-ohra li kienet irrisultat li l-Kunsill kien spicca b'zbilanc kienet minhabba li kien hemm fondi li jridu jidhlu mill-progetti fejn fir-realta' dawn kien ghadhom ma dahlux.

## 4.0 Programm Attivita' Frenc ta' l-Gharb

4.1 Is-Sindku spjega li kif kien gie diskuss fil-laqgha precedenti bhala parti mill-anniversarju mill-mewt ta' Frenc ta' l-Gharb ser issir attivita' fid-19 ta' Mejju, 2017. Huwa zied jghid li tkellem ma' Mons. Beneditt Camilleri bhal familjarji ta' Frenc ta' l-Gharb dwar din l-attivita' fejn dan qabel li din ghandha ssir pero' huwa ma jistax jkun prezenti.
Is-Sindku issugerixxa sabiex tintalab l-ghajnuna tal-Ministeru ghal Ghawdex ghat-tindif tal-monumen ta' Frenc ta' l-Gharb. F'dan ir-rigward huwa qal ukoll li l-monument ta' l-Isqof Cauchi ghandu bzonn li jitnaddaf u issirlu l-patina kif kien previst.
Gie spjegat li Mons. Beneditt issugerixxa li jsir kif segwenti – marc mill-banda segwita' b'serata muzika letterarja, introduzzjoni, tqeghid ta' fjuri, daqq ta' innu lil Frenc ta' l-Gharb li kien inkiteb mill-Mro. Antoine Mercieca, rakkont dwar il-hajja ta' Frenc minn Fr. Bezzina, siltiet muzikali, rakkont ta' fatti u esperjenza, qari ta' poezija u riceviment.
Is-Sindku kien issugerixxa lil Fr. Beneditt jekk il-bozz tal-monument ta' Frenc ta' l-Gharb jistax jinghata bhala rigal lill-President li tista' tkun mistiedna ghal din ic-cerimonja. F'dan il-kaz, Mons. Beneditt qal li l-Kunsill irid jitkellem ma' l-artist tal-monument li kien is-Sur Alfred Camilleri Cauchi.
Il-Kunsill iddiskuta ukoll min seta' jintalab biex jigi waqt ic-cerimonja biex jirrakkonta dwar xi grazzja li kien qala' bl-ghajnuna ta' Frenc ta' l-Gharb fejn il-Kunsill qabel li ghandu javvicina lis-Sinjura Rita Mercieca kif ukoll lis-Sinjura M'Assunta Apap ghal xi kuntatti ta' persuni f'dan ir-rigward.
Emanuel Muscat issugerixxa li jitpogga reklam fuq il-*facebook* sabiex anke l-emigranti jkunu jistghu jaraw u jekk jinterassahom jirrankontaw l-istorja taghhom. Il-Vici Sindku issegeriet li jitpogga anke fuq il-*facebook* tal-parrocca peress li dan jarawh hafna.

Emanuel Muscat issugerixxa li ssir l-ewwel Quddiesa segwita' bl-attivita'. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir l-attivita' kif diskuss.

## 5.0 Fra. Grazzja Gauci

5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-prezent qeghda ssir hidma sabiex jibda' l-process ta' beatifikazzjoni ta' Fra. Grazzja Gauci mill-Gharb. Huwa spjega li l-gimgha l-ohra saret quddiesa fejn gieipprezentat kwadru u sar xi qari dwar il-hajja tieghu. Huwa iltaqa' ukoll mall-pirjol u ddiskuta' dwar dan il-personagg. F'dan ir-rigward is-Sindku ssugerixxa li jew issir irhama ohra jew tizdied ohra maghhom fid-dar fejn kien joqghod li illum is-sid huwa ingliz. L-irhama li kien hemm imwahhla fil-prezent inqalghet bi ftehim bejn il-Kunsill u s-sid fejn l-istess sid halla depositu b'arrangament li din l-irhama ser terga' tehel.

F'dan ir-rigward saret diskussjoni dwar tabelli li jistghu jitwahhlu f'diversi postijiet madwar il-lokalita' fejn kienu jghixu personu distinti mil-lokalita'. Tabelli simili bhal dawn jinsabu f'Haz-Zebbug Malta. Il-Vici Sindku ssugeriet ukoll li dawn il-personaggi jitnizzlu f'ktieb zghir u jkun jista' jitpogga gewwa l-knisja jew il-muzew tal-Knisja.

## 6.0 Xogholijiet fi Triq Birbuba

6.1 Is-Sindku issugerixxa li issa li t-temp huwa ahjar jistghu jinbdew ix-xogholijiet fil-parti d-dejqa ta' Triq Birbuba u l-parti l-ohra ta' gewwa ta' l-istess triq mill-playing field lejn Triq San Dimitri.

6.2 Emanuel Muscat staqsa jekk hemmx culverts fil-post fejn ser isir ix-xoghol fejn gie spjegat li dan jista' jigi verifikat x'hin jibdew ix-xogholijiet u tinfetah it-triq.

Il-Kunsill qabel li ghandhom jinbdew ix-xogholijiet fuq din it-triq.

## 7.0 Xoghol fuq il-funtana ta' Pjazza Zjara tal-Madonna

7.1 Gie spjegat li il-funtana ta' Pjazza Zjara tal-Madonna ghandha bzonna pompa gdida li din tiswa madwar €300. Il-Kunsill qabel li ghandha tinxtara il-pompa mehtiega.

7.2 Gie spjegat ukoll li s-sistema tad-dawl ser titharrek minhabba li fis-shelter hemm hafna umidita' li minhabba f'hekk garbet xi hsara. Din is-sistema issa ser tkun fuq barra.

Il-Kunsill qabel li titharrek is-sistema tad-dawl.

## 8.0 Attvita' ta' l-Infiorata f'Marzu

8.1 Is-Sindku spjega li kif diga gie spjegat fl-laqghat precedenti bejn id-9 u 11 ta' Marzu ser issir Infiorata fit-telgha tac-Cittadella bi progett li ser jiswa €25,000 liema progett ser ikun ffinanzjat mill-Ministeru ghal Ghawdex bhala parti mill-konferenzi tal-Presidenza ta' Malta 2017. Gie spjegat ukoll li fis-27 ta' Frar, ser tigi s-Segretarja ta' l-Assocjazzjoni sabiex tirranga l-affarijiet ghall-grupp. Is-Sindku spjega li l-Infiorata matul it-triq ser tinqasam fi tlett bicciet fejn l-ewwel parti ser tkun mat-tela minn fejn ic-cinema 'il fuq, ohra ser tkun minn fejn il-parking sa fejn il-bieb u ohra fil-pjazza quddiem il-Katidral.

Kien hemm proposta li fid-9 ta' Marzu tigi inawgurata parti mill-Infiorata li giet maghzula l-parti ta' quddiem il-Kaditral u l-bqija jigi inawgurat l-ghada fejn din tibqa' hemm sal-Hadd. Ghaldaqstant peress li l-gruppi tal-Messiku u ta' Gerano ser ikunu hawn diga mit-8 ta' Marzu, dawn ser jiehdu hsieb jippreparaw l-Infiorata li ser tigi inawgurata fid-9 ta' Marzu. Din ser tigi diskussa aktar fid-dettal meta ser tigi s-Segretarja.

Minhaba ikel il-Kunsill kien ikkuntatja lir-restaurant li hemm fit-tela' tal-Katridal ta' l-Isterling Jewellery pero' dan ma setghax jiehu l-grupp minhabba li diga ghandu gruppi ohra. Sadanittant instab ir-restaurant 'Eldorado' u ingabru il-kwotazzjonijiet mehtiega. Il-Post li intaghzel ghandu ikun wiehed spazjuz u jesa il-group li ser ikun ta madwar 100. Il-Kunsill qabel li ghandu jmur ghand 'Eldorado' peress li ghandu prezzijiet tajba u spazzju bizzejjed sabiex jakkomoda il-group.

Dwar il-fjuri diga intalbu l-istejjem tal-fjuri li hemm bzonn ghal din l-attivita' u huma talbu l-istima min-naha taghhom.

Bhala exhibition il-Kunsill diga ghamel diversi kuntatti biex jinstab post fejn tista' ssir bhala Banca, s-Sentinella u s-sala tal-Minsteru pero' jidher li dawn huma kollha mimlija.

Emanuel Muscat qal li wiehed irid joqghod attend sabiex ma ssirx hsara lill-pavimentar bil-gibs li jintuza bhal ma kien isir f'Noto.

Saret diskussjoni dwar il-bord ta' l-Infiorata fejn hemm qbil li dawn ghandhom jaghtu l-ghajnuna taghhom u ghandha ssir laqgha tal-bord fil-jiem li gejjin.

## 9.0 Attivitajiet – Network of Twinned Towns

9.1 Bhal ma ga gie diskuss l-attivita' li jmiss hija dik ta' l-Irlanda li ser issir bejn il-15 u 18 ta' April, 2017. B'kollox ser ikun hemm madwar 81 persuna. Il-Kunsill gie infurmat li l-Polonja kienet infurmat lill-Kunsill li mhux ser tkun tista' tattendi.

9.2 Iz-zjara ta' wara ser issir f'Gunju li fiha hemm ir-Reppublika Ceka u l-Polonja. Jekk isir flimkien il-Kunsill irid jaghzel li jew jaqsam bejn pajjiz u iehor permezz tal-Bus jew inkellha tinsab titjijra. Saret diskussjoni anke fuq il-granet li fihom tista' ssir din iz-zjara fejn jidher li l-unika possibilita' minhabba zjarat ohra hija li ssir bejn it-18 u 25 ta' Gunju, 2017. Dwar liema transport ser jintuza, l-Kunsill ser ikun qed jara l-prezzijiet u possibilitajiet u ssir decizjoni aktar 'il quddiem.

## 10.0 Skeda ta' Pagamenti

10.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

10.2 Is-Sindku ssugerixxa ukoll li issa li l-permessi tal-Bus Shelters huma approvati jistghu jidhlu bhala parti mill-budget tas-sena d-diehla. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

## 11.0 Cirkularijiet tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali

11.1 Cirkulari Numru 6/2017 – Allowance tal-Kunsilliera.

## 12.0 Korrispondenza u materji ohra

12.1 Minghand il-Yellow Pages fir-rigward ta' l-inkluzjoni tal-Kunsill fuq dan id-direttorju u proposti ghal aktar iskrizzjonijiet.

12.2 Minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fir-rigward ta' bilanc ta' fondi bhala UIF funds li b'kollox jammonta ghal €17,317.20.

12.3 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp minghand il-MEPA:

PA0740/16, PA222/17, PA386/17, PA407/17, PA675/17 u PA723/17.

Tqajjmet diskussjoni fir-rigward tal-Applikazzjoni numru PA723/17 – *To place tables and chairs externally for commercial establishment including demountable timber platform – Archpriest Trevor Sultana obo Gharb Parish, Centru Parrokkjali, Pjazza taz-Zjara tal-Madonna, Gharb, Gozo.*

Din il-materja kienet diga giet diskussa precedentament fejn anke il-Kunsilliera Shirley-Anne Cecchini kienet uriet li ma taqbilx ma' din il-proposta peress li l-parkegg huwa limitat f'din iz-zona. Il-Kunsill pero' qabel li ghandu jghin sabiex tinstab soluzzjoni.

Is-Sindku spjega li l-bierah huwa kien iltaqa' ma' l-Arcipriet u ma' l-operatur tac-Centru Parrokkjali sabiex din l-applikazzjoni tigi diskussa aktar u tinstab soluzzjoni pero' kien hemm insistenza li dawn iridhom fejn qed jitolbu ghalihom jigifieri mal-genb tal-Knisja. Is-Sindku spjega ukoll li huwa kien offra alternattiva' sabiex titpogga *platform* quddiem il-bieb bejn is-sala u l-mahzen li tkun livell ma' l-entratura tac-Centru. Emanuel Muscat qal li hekk ser tinholoq problema minhabba l-persuni li jkunu ghaddejin fuq il-bankina peress li jkollhom jinzlu fit-triq. Gie spjegat li fil-prezent xorta n-nies kienu qed jinzlu minn fuq il-bankina f'din il-parti tat-triq peress li f'dik il-parti m'hemmx bankina imma hemm tarag tal-intrata tac-Centru.

Minkejja dan is-suggeriment xorta ma kienx hemm qbil fuqu min-naha ta' l-operaturi.

Is-Sindku spjega li f'dan l-istadju l-Kunsill irid jara jekk ikunx hu li jaghti l-kummenti tieghu jew inkella jhalli lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar tiehu decizzjoni kif tahseb hi. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie spjegat li l-Kunsill issa jrid jara dan il-post mhux bhala Centru Parrokkjali pero' bhala post kummercjali. Waqt id-diskussjoni intqal li l-*UIF Funds minhabba l-parkegg* ma thallsux. Gie innotat ukoll li din iz-zona ghandha diga problema ta' parkegg.

Gie innotat ukoll li jekk jitpoggew quddiem il-bieb tal-mahzen anke ghal min ikun qed iservi l-ikel ma jkunx hemm periklu fejn ikun qed jaqsam it-triq kontinwament. Punt iehor li gie innotat huwa li jekk issir din il-*platform* bl-imwejjed u siggijiet meta ssir attivita' f'din il-pjazzetta minn xi ghaqda din trid titnehha u l-operatur ma jarmax f' dawn l-eventwalitajiet jew attivitajiet pubblici.

Emanuel Muscat qal li hu ma jahsibx li din ser taffettwa l-ikla tal-festa imma iktar l-ghaqdiet l-ohra fl-attivitajiet li jkollhom f'din il-pjazzetta.

Gie spjegat li fil-prezent meta l-Kunsill johrog permessi ghal din il-pjazzetta tinghalaq il-parti ta' quddiem ic-centru u l-vetturi jigu devjati ghal wara l-Knisja. Suggeriment iehor li gie diskuss kien li l-Kunsill jista' jinforma lill-awtorita' ta' l-Ippjanar li meta ssir attivita' tkun decizjoni tal-Kunsill jekk din titnehhiex jew le.

Suggeriment iehor li sar kien li ssir petizzjoni mar-residenti taz-zona li ser jigu affettwati. Dwar din il-proposta ma kienx hemm qbil.

Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat korrispondenza lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u nghidulhom li l-Kunsill ghandhom preokkupazzjoni fir-rigward tal-problema tal-parkegg f'din iz-zona u jekk ikun hemm xi tip ta' diskussjoni sabiex issir laqgha mall-Kunsill ghal aktar diskussjoni.

12.4 Minghand Dr. Michael Tabone fejn qeghda ssir talba ghall-permess fi Triq l-Gharb biex ikun jista' jingibed *film*. Il-Kunsill ma sab ebda' oggezzjoni ghal din it-talba sakemm jingabu l-permessi u l-assigurazzjoni mehtiega ghal dan il-*filming*.

12.5 Minghand Arianna Giuffrida li hija sopra Taljana u kienet qed turi d-disponibilita' taghha sabiex ttella' kuncert flimkien mall-banda gewwa l-Knisja. Is-Sindkku spjega li din it-tfajla kien iltaqa' maghha meta kien l-Italja fl-okkazzjoni tal-Magi u kienet uriet interess li tippartecipa gewwa l-Gharb. Il-Kunsill qabel mall-partecipazzjoni ta' din is-sopran u qabel ukoll li ghandu jahseb ghall-akkomodazzjoni taghha.

12.6 Avviz ta' Seduta fit-Tribunal Zghir. Il-Kunsill gie infurmat li infethet kawza quddiem dan it-tribunal ghad-danni li gew sofferti minn persuna li waqghet fil-Wied. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi kkuntatjat l-Avukat sabiex issir risposta ghal dan il-kaz.

12.7 Minghand il-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali fir-rigward tal-Fond tal-Ko-finanzjament fejn il-Kunsill ser jigi moghti l-ammont ta' €5,312.50 bhala ko-finanzjament tal-progett tan-network of twinned towns biex tkun tista' ssir konferenza.

12.8 Tigdid tal-offerti tal-Latrina ta' Triq Trux u Triq ta' Pinu. Il-Kunsill qabel li dawn l-offerti ghandhom jergghu jigu imgedda.

12.9 Il-membri tal-Kunsill gew infurmati li l-Kunsill kellu suggeriment sabiex l-iskart jingabar wara s-7am peress li l-hin huwa kmieni. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta pero' ma qabilx maghha. F'dan ir-rigward Emanuel Muscat qal li huwa gie infurmat li affarijiet elettronici ma jistghux jintefghu gewwa l-borza s-sewda.

12.10 Is-Sindku spjega li l-proposta ta' l-Urban Greening gie mibghuta. Gie spjegat li bhala progett ser ikun jiswa' €38,000. fejn minnhom hemm €7000 li huma ghall-manutenzjoni. Bhala manutenzjoni tista' ssir mill-Kunsill iniffsu u l-bqija tal-fondi mill-progett.

12.11 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni dwar hadida tal-metal li hemm fejn il-bankijiet fil-playing field ta' Triq Birbuba. Ser jintbghat wiehed mill-haddiema biex din titnehha.

Fir-rigward tal-playing field gie spjegat li hemm problema li qeghdin jintefghu zrar isfel u ghaldaqstant l-ahjar li jigi eliminat iz-zrar u jsir turf sintetiku. Apparti dan il-marsh li hemm isfel nizel u hemm bzonn li jigi mimli. Il-Kunsill kien diga ghamel kuntatt ma ELC pero jidher li kien hemm problemi biex igibu t-truck minn Malta fuq il-vapur u ghaldaqstant kienu qeghdin jiccekkjaw kif jista' jsir.

12.12 Is-Sindku informa lill-membri li l-Enemalta riedet twahhal arblu tad-dawl fi Triq il-Knisja u kien hemm xi diskussjoni dwaru pero' jidher li issa intlahaq ftehim.

12.13 Is-Sindku qal li qabel il-festa trid titranga ukoll l-area ta' wara l-Knisja. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**13.0 Aggornament**

13.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 22 ta' Marzu, 2017.

13.2 Il-laqgha spiccat hin 11.45am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius<br>Sindku | Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |